*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,695, 7 ta' Jannar, 2011*

*Taqsima B*

**A.L. 4 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 504)

## ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

### Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għall-avjazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u bl-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Prim Ministru u l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

A.L. 445 tal-2010.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għall-avjazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra hawn aktar 'il quddiem msejħa bħala "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2013" għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2012"; u

(b) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (5) tiegħu, minflok il-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2013" għandhom jidħlu l-kliem "sal-31 ta' Diċembru, 2012";

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minflok is-subregolament (6) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, jidħol dan li ġej :

"(6) Kull operatur tal-ingenji tal-ajru għandu:

(a) mis-sena ta' monitoraġġ tal-2010 fil-każ ta' operatur tal-ingenji tal-ajru li dwaru Malta tkun identifikata bħala Stat Membru amministrattiv qabel il-bidu tas-sena tar-rappurtaġġ tal-2010; jew

(b) mill-ewwel sena ta' rappurtaġġ li tkun tapplika għalih fil-każ ta' operatur tal-ingenji tal-ajru li dwaru Malta tkun identifikata bħala Stat Membru amministrattiv wara l-bidu tas-sena tar-rappurtaġġ tal-2010, jissorvelja emissjonijiet minn inġenji tal-ajru li huwa jkun qiegħed jopera u li jkunu jwettqu attivitajiet ta' avjazzjoni elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, matul kull sena kalendarja u jirrapporta emissjonijiet skond il-pjan ta' monitoraġġ u rappurtaġġ li jkun ġie approvat. Għandu jiġi preżentat lill-Awtorita rapport fuq emissjonijiet għal kull sena kalendarjamhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena li tkun taħbat minnufih wara.".

**L.N. 4 of 2011**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

## MALTA RESOURCES AUTHORITY ACT (CAP. 423)

### European Community Greenhouse Gas Emissions Trading Scheme for Aviation (Amendment) Regulations, 2011

IN exercise of the powers conferred by article 61 of the Environment and Development Planning Act, and by article 28 of the Malta Resources Authority Act the Prime Minister and the Minister for Resources and Rural Affairs, after consultation with the Malta Resources Authority, have made the following regulations:

**1.** The title of these regulations is the European Community Greenhouse Gas Emissions Trading Scheme for Aviation (Amendment) Regulations, 2011 and they shall be read and construed as one with the European Community Greenhouse Gas Emissions Trading Scheme for Aviation Regulations, 2011 hereinafter referred to as "the principal regulations". Title. L.N. 445 of 2010.

**2.** Regulation 4 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 4 of the principal regulations.

(a) in paragraph (a) of sub-regulation (2) the words "31st December, 2013" shall be substituted by the words "31st December, 2012"; and

(b) in paragraph (a) of sub-regulation (5) the words "31st December, 2013" shall be substituted by the words "31st December, 2012".

**3.** In regulation 10 of the principal regulations, sub-regulation (6) shall be substituted as follows: Amends regulation 10 of the principal regulations.

"(6) Each aircraft operator shall:

(a) from the monitoring year 2010 in the case of an aircraft operator for whom Malta is identified as the administering Member State before the start of the reporting year 2010; or

(b) from the first reporting year applicable to it in the case of an aircraft operator for whom Malta is identified as the administering Member State after the beginning of the reporting year 2010, monitor emissions from aircraft which it operates that perform aviation activities listed in Schedule 1 to these regulations, during each calendar year and report emissions for each calendar year in accordance with the approved monitoring and reporting plan. A report on emissions for each calendar year shall be submitted to the Authority by not later than the 31st March of the subsequent year. ".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.19